28 ta' Settembru, 1957

*Imħallef:—*

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Sciberras

**Barriera tal-Ġebel — Fabbrika — "Factories Act, 1940" — Ordinanza X tal-1940, Kap. 169 — "Factories (Health, Safety, and General Welfare) Regulations, 1945" — Notifikazzjoni tal-Gvern 458/1945**

*Barriera tal-ġebel, fl-istat attwali tal-liġi, m'hix "factory" fis-sens tal-"Factories Act, 1940", u lanqas ma hi tali bis-saħħa ta' xi dikjarazzjoni tal-Gvernatur li tirrendiha tali. Għaldaqstant, il-"Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations" tal-1945, maħruġin bis-saħħa tal-istess Att, ma humiex applikabbli għal barriera tal-ġebel.*

*Konsegwentement, il-fatt li l-imputat, li hu nkarikat minn barriera tal-ġebel, ma pprovdiex il-ħtieġijiet sanitarji għall-ħaddiema mpjegati f'dik il-barriera u l-faċilitajiet preskritti f'dawk ir-Regolamenti, ma jirrendix lil dak l-imputat ħati ta' ksur ta' dawk ir-Regolamenti.*

L-imputat ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għal erbgħa imputazzjonijiet, ċjoè talli f'Ħal-Balzan, fit-23 ta' Marzu 1957 u żmien qabel, bħala bniedem inkarikat minn barriera tal-ġebel tal-franka wara l-Knisja Parroċċa ta' Ħal-Balzan, (a) naqas li jagħti jew jibgħat lill-impjegati tal-imsemmija barriera George Borg, Michael Grech, Angelo Catania, Salvu Catania, John Zammit, Spiru Caruana, u Gustu Calleja, dikjarazzjoni firmata minnu ("Contract of Service") li turi l-informazzjonijiet kif inhuma fis-sezzjoni 24(1) tal-Att nru. XI tal-1952; (b) naqas li jipprovdi ħtieġijiet sanitarji għall-istess impjegati tal-imsemmija barriera skond il-paragrafu 6 tar-regolamenti dwar il-fattoriji tal-1945 (Health, Safety and General Welfare); (c) naqas li jipprovdi u jżomm f'pos-

tijiet adattati u konvenjenti għan-nies kollha mpjegati fl-imsemmija barriera ħażna adegwata ta' ilma tax-xorb skond il-paragrafu 9 tar-regolamenti dwar il-fattoriji tal-1945 (Health, Safety and General Welfare); u (d) naqas li jipprovdi u jżomm għall-użu tal-imsemmija impjegati tal-imsemmija barriera faċilitajiet adattati u meħtieġa għall-ħasil skond il-paragrafu 10 tar-regolamenti dwar il-fattoriji tal-1945 (Health, Safety and General Welfare);

Quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat issolleva, kwantu għat-tieni, tielet u raba' imputazzjoni, il-preġudizzjali li dawn ma setgħux jiġu sostnuti, peress li barriera ma hix "factory";

B'sentenza tagħha tas-26 ta' Lulju 1957, il-Qorti fuq imsemmija rriteniet li barriera ma hix "factory", u għalhekk akkoljiet il-preġudizzjali sollevata mid-difiża; u in konsegwenza, fil-waqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhux kolpita bl-eċċezzjoni, illiberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra;

Kontra din is-sentenza, limitatament għall-assolutorja relativa għat-tieni, tielet, u raba' imputazzjoni, insorġa l-Attorney General bir-rikors tiegħu fol. 7 tal-proċess; u għar-raġunijiet fiħ kontenuti talab li dik l-assolutorja tiġi revokata, u li, minflok, l-imputat jiġi misjub ħati anki ta' dawk it-tliet imputazzjonijiet u kundannat għall-piena relativa;

Trattat l-appell;

Din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjonijiet in parola huma dedotti taħt il-"Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945" — Notifikazzjoni tal-Gvern 458 tal-1945. Ir-regolament numru 16, li jikkostitwixxi dik li tissejjaħ l-"interpretation clause", jgħid hekk:— "In these Regulations

— (a) ........ (b) Factory has the meaning assigned to it in Ordinance No. X of 1940";

Mela, biex wieħed jara x'sinifikat legali għandu jingħata għall-kelma "factory", għall-finijiet ta' din il-kontroversja, jeħtieġ li jeżamina dik il-liġi, li ormaj hija l-Kap. 169 tar-Revised Edition;

L-art. 2 ta' din il-liġi jgħid hekk:— In this Ordinance, the expression "factory" includes 'workshop', and means any premises wherein or within the close or curtilage or precincts of which, persons are employed in manual labour in any process for or incidental to any of the following purposes; namely:—

(a) The making of any article or part of any article; or (b) the altering, repairing, ornamenting, finishing, cleaning or washing, or the breaking up or demolition of any article; or (c) the adapting for sale of any article; being premises wherein, of within the close or curtilage or precincts of which the work is carried on by way of trade or for purposes of gain, and to or over which the employer of the persons employed therein has the right of access or control, and whether or not they are factories by reason of the foregoing definition; the expression 'factory' also includes such premises or open air spaces as are declared by the Governor-in-Council to be factories to which this Ordinance applies......";

Mela "factory" huwa (a) post li jaqa' taħt id-definizzjoni tal-artikolu fuq riportat, kif ukoll (b) post li, jaqa' jew ma jaqgħax taħt dik id-definizzjoni, ikun dikjarat tali mill-Gvernatur fil-Kunsill;

Hu paċifiku bejn il-kontendenti li ebda dikjarazzjoni ma nħarġet sal-lum mill-Gvernatur fil-Kunsill fis-sens li barriera għandha titqies "factory";

Per konsegwenza, il-kwistjoni tibqa' dik jekk barriera taqgħax taħt id-definizzjoni tal-artikolu fuq ċitat;

Id-difiża osservat li l-qtugħ ta' ġebel fil-barriera ma jistax jitqies kompriż f'ebda wieħed mit-tliet proċessi deskritti taħt l-ittri (a), (b) u (c) tal-artikolu. Issa, grammatikalment, ma jidherx li "article" għandu xi sens limitat, iżda jidher li jikkomprendi kwalunkwe sustanza, jew, kif jingħad fid-dizzjunarju, "any particular substance". Anki kieku wieħed kellu jgħid li l-kelma "article" pjuttost tindika ħaġa mobili, u li għalhekk barriera, li hija immobili, ma tistax tkun kompriża fit-tliet proċessi ndikati, li jirriferixxu dejjem għall-"article", ċjò non ostanti dan ma jiġi jfisser xejn; għaliex, kif wieħed jiddeżumi faċilment mill-konċett legali tan-natura mobiljari u immobiljari mogħti fl-art. 345 u 346 tal-Kap. 23, Ediz. Riv., malli jkun hemm is-separazzjoni mill-fond, allura tidħol in-natura mobiljari, u għalhekk il-ġebla maqtugħa mill-barriera, bil-fatt stess tal-qtugħ, u kwindi tas-separazzjoni, issir mobiljari;

Hu anki intuwitiv li bil-qtugħ tal-ġebla din tiġi ssir adattata għall-bejgħ. Jidher, per konsegwenza, li l-qtugħ tal-ġebel fil-barriera jidħol taħt il-"breaking-up" indikat fl-inċiż (b), u taħt "the adapting for sale of any article" tal-inċiż (c); għax il-ġebla tiġi estratta mill-massa petrijera tal-barriera, u b'dik l-estrazzjoni tiġi mqegħda fi stat li tista' tkun kommerċjalizzata għall-bini;

Għalhekk dan il-mezz defensjonali ma jidherx li jista' jiżvalorizza l-assunt tal-Prosekuzzjoni;

Id-difiża rrilevat ukoll li, mentri d-definizzjoni tal-liġi tippostula li "factory" tkun "premises", barriera ma tistgħax tissejjaħ "premises";

Fit-test malti tal-liġi in diżamina hemm, bħala ekwivalent tal-kelma "premises", il-kelma "fond". Issa, il-kelma "fond" ma hijiex limitata għal fond urban, kif wieħed jista'

jiddeżumi aġevolment mill-art. 345, 346 u 347 tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-kelma "fond" hi adibita indistintament, u kif hu ovvju mis-sistema ġuridiku tagħna kif dan hu riflettut fl-attijiet notarili u fil-ġurisprudenza, fejn huma ta' użu komuni l-kliem "fond rustiku" u "fond urban"; u barriera, f'ċertu sens, hi fond rustiku. Iżda l-kelma "fond" fit-test malti ma hijiex dirimenti tal-obbjezzjoni tad-difiża għax fit-test ingliż hemm il-kelma "premises", u din hija l-kelma li għandha tiġi valjata.Ir-redatturi tat-test malti fir-Revised Edition, li sabu ruħhom konfrontati minn kelma proprja tat-terminoloġija legali ingliża, iżda estranea għas-sistema ġuridiku malti, kif inhi indubbjament il-kelma "premises", ma setgħux ħlief jirrendu dik il-kelma b'waħda, anzi bl-uniku waħda, li fil-lingwa maltija kienet tapprossimaha l-aktar, imma li ma hijiex ċertament, u ma setgħet qatt tkun, l-ekwivalent eżatt tagħha. Dan jiġri, kif kellu okkażjoni josserva f'każijiet oħra l-Imħallef sedenti, minħabba li jiġu użati u mportati fis-sistema ġuridiku malti espressjonijiet li ma humiex propriji ta' dak is-sistema, u li għalhekk ma ġew qatt interpretati hawn Malta legalment jew ġurisprudenzjalment. Għalhekk, fil-fattispeċje hemm speċi ta' diskrepanza bejn test wieħed u ieħor relativament għal din il-kelma; u għalkemm it-test malti, bħala test, u mhux bħala sempliċi traduzzjoni, għandu indubbjament valur interpretativ, eppure, skond dispost espress tal-karta kostituzzjonali, għandu jipprevali t-test ingliż. Aktar u aktar meta, bħal fil-każ preżenti, si tratta ta' liġi li, kif jirriżulta minn notamenti li żamm l-Imħallef sedenti fil-kors tax-xogħol tar-reviżjoni tal-liġijiet, hi bażata fuq dik li tissejjaħ "model ordinance" ingliża;

Għalhekk il-Qorti għandha tindaga x'inhi l-portata legali tal-kelma "premises";

Kunsidrata, għal issa, dik il-kelma apparti mill- kontest ta' din il-liġi Kap. 169, għandu jingħad dan li ġej. L-iżvilupp ta' din il-kelma "premises" hu kurjuż. Oriġinarjament, is-sinifikat primarju tagħha ma kienx ħlief dak tal-kelma la-

tina "praemissa"; u biha kienu jiġu ndikati, f'att notarili, il-partijiet preċedenti tiegħu, ċjoè "the preceding parts of the deed" (ara Sheppard's Touchstone, 7th Edition, p. 74). Kif osserva ċ-Chief Justice tal-Qorti tal-Awstralja in Mowling vs. Hawthorn, 1891, 17 V.L.R. p. 150-154, il-kelma "premises" fis-sens sekondarju tagħha kienet derivata "from reference to lands or houses, or both, recited in deeds and grants as being sold and conveyed, and afterwards referred to in the conveyance or deed of grant as 'premises' ";

Għalhekk, mis-sens primarju ta' "things before mentioned", il-kelma "premises" akkwistat sens sekondarju, u ġiet tfisser it-"things" stess. Issa, f'dawn id-"deeds" kienu jissemmew qabel, bħala "praemissa", tant "houses" kemm "lands"; u għalhekk ġara li, għalkemm is-sens popolari tal-kelma "premises" kien proprjament limitat għal "buildings", is-sens legali però ġie estiż b'mod li dik il-kelma ġiet tikkomprendi anki "lands" (ara Doed. v. Willetts (1849) 7 C.B. 709, per Wilde C.J., p. 715, fejn jingħad hekk:— "The word 'premises' is commonly used as comprising lands and houses and other matters" (ara anki d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awstralja fuq citata);

Però, għall-finijiet ta' imputazzjoni taħt il-Kap. 169, wieħed għandu jindaga x'inhu s-sens tal-kelma "premises" f'din il-liġi partikulari, jew aħjar jekk barriera tidħolx fl-ambitu ta' dik il-kelma skond il-kontest ta' din il-liġi partikulari;

Qabel xejn, hu spedjenti li tiġi kunsidrata osservazzjoni li għamlet il-Prosekuzzjoni bi prova li barriera hi kompriża fid-definizzjoni ta' "factory" li hemm fil-liġi partikulari. Ġie rilevat, infatti, li fit-tieni regolament tal-"Building (Safety) Regulations, 1952" (G.N. 144/1952), fejn jingħad għal liema operazzjonijiet sejrin japplikaw dawk ir-regolamenti, ġew anki ndikati l-operazzjonijiet relativi għal "quarrying of building stone"; u għalhekk, kompliet targumenta l-Prosekuzzjoni, dan juri li barriera kienet diġà

"factory" skond id-definizzjoni tal-Kap. 169, u konsegwentement ma ġietx dikjarata "factory" b'dawn ir-regolamenti tal-1952; u li, kieku ma kienx hekk, dik il-parti tat-tieni regolament, fejn hemm il-kliem "the quarrying of building stone", kienet tkun "ultra vires" (ara anki, bi spjega ta' din l-eċċezzjoni, il-verbal fol. 3 fil-parti konklużjonali tiegħu);

Dan l-argument, però, ma jistgħax jiġi aċċettat. Il-"Building (Safety) Regulations" fuq imsemmija ġew magħmulin bis-saħħa tat-tieni u tat-tielet artikolu tal-Kap. 169 ukoll fuq imsemmi, ċjoè tal-Factories Ordinance. Issa, bit-tieni artikolu tal-Kap. 169, il-Gvernatur fil-Kunsill ġie mogħti l-poter li jiddikjara li huma "factories" — jidħlu jew ma jidħlux fid-definizzjoni tal-liġi — "such premises or open air spaces"; u bit-tielet artikolu ġie mogħti lill-Gvernatur fil-Kunsill il-poter li jagħmel regolamenti għall-"factories". Dan ifisser li, sabiex għal post partikulari jistgħu jsiru regolamenti, jeħtieġ li dak il-post ikun "factory", jew bis-saħħa tad-definizzjoni, jew bis-saħħa tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill "ex post". Issa, fil-"Building (Safety) Regulations" barriera ma ġietx dikjarata "ex post" mill-Gvernatur fil-Kunsill bħala "factory". Dak li sar hu sempliċement li l-leġislatur fir-regolamenti assuma li barriera kienet diġà "factory" skond id-definizzjoni Minn hekk jidher ċar li l-argument tal-Prosekuzzjoni hu "petizione di principio", għax appuntu "quaeritur" jekk barriera hijiex "factory" skond id-definizzjoni. Il-fatt li l-leġislatur, fir-regolament fuq imsemmi tal-"Building (Safety) Regulations", assuma li barriera kienet "factory" skond id-definizzjoni, ma jfisser xejn; għax hu elementari li r-regolamenti li jsiru taħt l-"enabling law" ma jistgħux imorru aktar l-hemm mill-istess "legge madre"; u jekk barriera mhijiex "factory" skond l-"enabling law", ma tistgħax issir tali għax fir-regolamenti li saru bis-saħħa ta' dik l-"enabling law" ġie preżunt li barriera hija "factory" skond id-definizzjoni. Jekk ma hijiex, dik il-parti tar-regolamenti tkun "ultra vires";

Għalhekk, il-"Building (Safety) Regulations" iħallu l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell fejn hi. Divers kien ikun il-każ kieku dawk il-kliem "quarrying of building stone" kienu jirrikorru, bħala magħmula "intra vires", fil-liġi "madre" stess; għax allura din iċ-ċirkustanza kienet tista' tikkostitwixxi interpretazzjoni awtentika, u għalhekk indiskutibbli, tal-liġi; anki in bażi għall-aforisma "Statuta in uno eodemque volumine compilata unum ab alio debent recipere interpretationem";

Is-soluzzjoni tal-punt involut tidher din li ġejja;

Din il-Qorti ma tiddubitax li, apparti s-sinifikat ġenerali ordinarju u legali tal-kelma "premises", kif fuq rilevat, u kif komprensiv tant ta' bini kemm ta' "lands", eppure, fil-kontest ta' din il-liġi partikulari, kienet il-liġi stess li bid-diċitura espressa tagħha irrestrinġiet il-konċett tal-kelma "premises" fis-sens li ma nkludietx fih "open air spaces". Infatti, wara li l-liġi, għall-finijiet tad-definizzjoni, tuża biss il-kelma "premises", mbgħad, fl-istess paragrafu tagħti lill-Gvernatur fil-Kunsill il-poter li jiddikjara "factories" (jidħlu jew ma jidħlux fid-definizzjoni) "premises or open air spaces". Hu ovvju li b'hekk il-leġislatur introduċa konċett ġdid, dak ta' "open air spaces", bħala distinti minn "premises"; kif inhu ovvju li, fl-idea tal-leġislatur, għall-finijiet ta' din il-liġi, il-kelma "premises" ma tikkomprendix "open air spaces"; għaliex, kieku kienet tikkomprendihom, allura, meta l-liġi tat lill-Gvernatur fil-Kunsill dak il-poter, ma kienx ikun hemm bżonn li tgħid "premises or open air spaces", imma kien ikun biżżejjed li tgħid "premises" biss, għax "premises" kienu allura jikkomprendu l-"open air spaces". Il-fatt li l-liġi ma qaletx "premises" biss, imma żiedet "or open air spaces", juri li f'dik il-liġi l-kelma "premises" ma kienetx tinkludi "open air spaces". Ma hemmx bżonn jingħad li l-kliem "open air spaces" ma jistgħux jitqiesu pleonastiċi; għax hu risaput li l-liġi tirrifuġġi minn pleonasmi. Għalhekk id-diċitura doppja "premises or open air spaces" hija argument deċiżiv li għall-finijiet ta' din

il-liġi l-kelma "premises" ma tikkomprendix barriera, għax din hija "open air space", li fil-liġi hu distint minn "premises";

Milli jidher, u sa fejn l-Imħallef sedenti seta' jeżamina l-ġurisprudenza ngliża in materja, il-pożizzjoni f'Malta llum hija kif kienet fl-Ingilterra almenu sal-1869; ċjoè, fl-Ingilterra, sa dak iż-żmien almenu, peress li "quarry" ma kienetx għada ġiet dikjarata "factory" bħala "open air space", għalhekk "quarry" ma kienetx titqies "factory", għax il-kelma "premises", kif kien ritenut, ma kienetx tikkomprendiha. Infatti, fil-kawża "Kent v. Astley (1869), L.R. 5 Q.B. 19, per Cockburn C.J., p. 23-24, li kienet qegħedha tiġi diskussa taħt il-liġi allura viġenti, ċjoè il-"Factories Acts Extension, 1867", in segwitu revokat u sostitwit bil-"Factories Act, 1937", il-pont kien jekk "sheds" mibnija fi "quarry" kienux "premises", u kwindi "factory", peress li l-liġi ngliża kienet, l-istess bħal dik maltija, tiddefinixxi "factory" bħala "premises". Il-President Cockburn irritjena li ma kienux, u l-argument tiegħu kien dan: ix-"sheds" kienu aċċessorju tal-"quarries", li kienu l-ħaġa prinċipali; il-leġislatura kienet għad ma ddikjaratax bħala "factories" "open air works", u l-kelma "premises" ma setgħetx tapplika għal "quarry". U ladarba ma kienx "factory" l-prinċipal, lanqas seta' jkun "factory" l-aċċessorju, ċjoè ix-"shed" mibnija fil-"quarry". Qal infatti l-President Cockburn:— "I do not think that in using the word 'premises' the legislature intended to include sheds erected in a quarry merely as a protection against the weather; they are only accessories to the quarry and quarrying premises; and the legislature has not as yet declared that 'open air works' shall be within the scope of the Factories Acts...... I think we shall be straining the statute if we decided that the word 'premises' is applicable to this quarry";

Ma hemmx bżonn jiżdied, għall-konklużjoni ta' din issentenza, illi, għalkemm jidher li anki fil-barrieri jkun hemm dawk il-bżonnijiet imsemmijin fl-imputazzjoni, eppure il-

Qrati ma jistgħux jestendu l-liġi trattandosi ta' materja kriminali. Fil-kriminal jimpera, għall-benefiċċju u protezzjoni tal-imputati, il-prinċipju "nullum crimen sine leġe"; u estensjoni tas-sinifikat ta' kelma hija ekwipollenti għall-kreazzjoni ta' reat. Infatti, proprju dan l-aħħar, fil-Criminal Law Review ta' Settembru 1957, hemm nota ta' kritika għal sentenza reċenti tal-Q.B. Divisional Court, presjeduta minn Lord Goddard, appuntu għax estendiet indebitament il-liġi penali; u ntqal:— "Like the creation of new offences, such extensions should, it is submitted, be made, if at all, only by the legislature, and not by the judges";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-Attorney General u tikkonferma "quoad appellatum" is-sentenza appellata.